# L-Istatwa bil-Korp ta' San Feliċissimu Martri Ġewwa Ħal Luqa

Kitba ta' **Adrian Mizzi**

Għall-bidu tas-seklu dsatax, ħafna mill-parroċċi f'Malta bdew iġibu minn Ruma iġsma sħaħ ta' qaddisin martri li kienu midfunin fil-katakombi u jesponuhom fuq xi altar jew taħt xi mensa ta' altar, speċjalment f'dak tal-kor, għad-devozzjoni u għall-qima ta' l-insara.

Fis-sena 1833, il-kappillan ta' Ħal Luqa Dun Ġużepp Sultana, bl-għajnuna ta' Dun Vinċenz Marchetti flimkien mal-kleru tal-lokal, irnexxielu jġib fil-knisja tagħna, mill-katakombi ta' Santa Ċirijaka ta' Ruma, il-ġisem ta' San Feliċissimu Martri, wara li dan kien inqala' minn hemm nhar is-Sibt 27 ta' Jannar 1827.

F'laqgħa li l-kappillan kellu mar-retturi tal-fratellanzi u bil-kuntentizza wkoll tal-poplu ġie deċiż li ssir statwa tal-qaddis mill-injam imlibbsa stil Ruman, bl-għadam tal-qaddis, bħalma huma l-kustilji, l-għadam ta' jdejh u ta' riġlejh jinċisawh f'din l-istatwa u titqiegħed bilqiegħda mixħuta fuq sufan maħdum apposta ta' l-injam indurat.

Il-kleru u l-poplu ddeċidew ukoll li meta titlesta din l-istatwa bl-għadam tal-qaddis inċisat fiha, minbarra li jlibbsuha lbies rikk, stil Ruman, jagħmluh b'palma f'idu l-leminija u b'kuruna tar-rand fl-oħra, simboli ta' martri u ta' eroj.



*L-istatwa bil-korp qaddis ta' San Feliċissimu Martri li kien meqjum fil-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija ġewwa Ħal Luqa bejn is-snin 1835 u 1948.*

Kellha titqiegħed f'niċċa bi prospettiva ta' l-irħam fuq l-altar ta' l-Agunija, flok il-kwadru ta' San Ġiljan li kien hemm taħt il-kwadru tal-Kurċifiss.

Din l-istatwa u s-sufan ta' l-injam ġew skolpiti artistikament mill-imsemmi skultur Pietro Paolo Azzopardi (1791-1875) fi żmien sentejn bejn is-snin 1833 u 1835.

Is-sena 1835 li fiha kienet lesta din l-opra tant għażiża u devota, taqbel perfettament ma' l-iżvilupp tax-xogħol artistiku ta' Azzopardi, għalhekk kronoloġikament tista' tkun id-data ta' wara li saret il-vara proċessjonali *tal-Marbut* għall-knisja ta' Ġieżu ġewwa l-Belt Valletta fis-sena 1834.

San Feliċissmu seta' nħadem fl-iżjed żminijiet diffiċli tal-ħajja ta' l-iskultur Pietro Paolo, wara l-mewt

ta' l-ewwel mara miżżewġa tiegħu Giovanna Roia Camilleri li ġrat fis-sena 1833 u qabel it-tieni żwieġ tiegħu mas-Sinjorina Antonia Attard fis-sena 1836, għalkemm dan l-għawġ kollu jidher li m'affettwax l-andament tax-xogħol artistiku li bih kien għaddej Azzopardi għax f'din l-istatwa jidhru l-kapaċitajiet kollha neċessarji f'dak li hu meqjus bħala xogħol bikri ta' kalibru mill-istess skultur.

Kemm l-istatwa ta' San Feliċissimu u anke dik titulari ta' San Ġorġ ġewwa Għawdex, li huma attribwiti lill-istess skultur fuq stil Neo-Klassiku, juru figuri ideali umani ta' suldat Ruman b'ħafna tixbihat bejniethom li jagħtuna ħafna indikazzjonijiet li ħarġu mill-istess id.

Il-kappillan ried jagħmel festa kbira dakinhar li l-ġisem ta' San Feliċissimu kien se jitqiegħed fl-urna. Għalhekk nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru flimkien ma' żewġ qassisin tela' l-Imdina u talab lill-Kapitlu tal-Katidral *jissolenizza t-translazzjoni tal-qaddis martri.* Il-Kapitlu ma setax jaqtagħlu xewqtu għax kellu impenji oħra. Il-festa mexxieha l-kappillan stess, il-Ħadd 20 ta' Settembru 1835 biex b'mod solenni fi proċessjoni, il-Korp ta' San Feliċissimu jittieħed mill-kappella tal-Ftajjar għall-knisja parrokkjali.

F'din il-proċessjoni ħadu sehem it-tliet fratellanzi u l-kleru. L-istatwa ntrefgħet minn erba' qassisin, taħt baldakkin ta' drapp aħmar (li kien jinħareġ fil-festa tas-Salib, kull 3 ta' Mejju) u b'erba' lanterni madwaru, merfugħin minn erba' fratelli tas-Sagrament. Wara l-istatwa, imxew bosta tfal, irġiel u nisa jgħidu r-Rużarju.

X'ħin daħlu fil-knisja, l-istatwa tqiegħdet fuq il-presbiterju, sar diskors ta' l-okkażjoni fuq San Feliċissimu u wara li ngħatat il-barka sagramentali kulħadd tela' jbus din ir-relikwa għażiża. Fil-ġimgħa ta' wara, din l-istatwa li n-naħa tax-xellug tagħha kien hemm elmu bil-pjuma u tazza bid-demm tal-martri ssiġillata, tqiegħdet fin-niċċa mħejjija għaliha fuq l-altar ta' l-agunija.

Il-qima lejn San Feliċissimu ma waqfitx hawn. Bdiet kull sena ssir il-festa tiegħu b'purċissjoni fit-tielet Ħadd ta' Settembru u sa banda kien ikun hemm.

Fuq il-purċissjoni nqala' l-inkwiet bejn il-fratellanzi bħalma kien inqala' qabel fl-1772. Tar-Rużarju u taċ-Ċintura riedu li jakkumpanjaw ir-relikwa bil-lanterni tagħhom flimkien mal-fratelli tas-Sagrament. Fil-festa tas-sena 1840 tant qam storbju u nkwiet li r-rettur tas-Sagrament biex jikkalma ftit il-biċċa qagħad għal dak li riedu huma. *B'daqshekk qal hu, ma jfissirx li qed inċedi d-drittijiet tal-fratellanza tagħna.*

F'Mejju tas-sena 1841 il-fratelli tas-Sagrament ressqu l-kwistjoni quddiem l-isqof. Għamluha ċara li skond il-ftehim ta' l-1773 huma biss kellhom id-dritt jieħdu sehem bil-lanterni. L-isqof tahom raġun iżda ż-żewġ fratellanzi l-oħra kitbu Ruma. Il-kwistjoni twalet għal xejn għax ir-risposta li waslet bid-data ta' nhar is-Sibt 24 ta' Settembru 1842 qablet mad-deċiżjoni ta' l-isqof.

Kif raw hekk tar-Rużarju u taċ-Ċintura qatgħuha li jibqgħu barra għal kollox mill-purċissjoni ta' San Feliċissimu. Iżda kellhom jibdlu fehmithom meta l-isqof wissiehom li jekk ma kinux lesti jipparteċipaw mingħajr lanterni, ma kienx se jħallihom jagħmlu l-festi tal-fratellanzi tagħhom.

Fis-sena 1948, din l-istatwa tneħħiet qawwija u sħiħa min-niċċa tagħha biex jinqala' l-altar u jitwessa' l-kappellun.

F'Ħal Luqa kien hawn devozzjoni kbira lejn San Feliċissimu. Kważi kull familja kienu jagħtu lil xi tarbija tagħhom l-isem ta' Feliċ jew Feliċja wara dak ta' Indri jew Andrijana. Fil-knisja, kull meta kien jingħad ir-Rużarju, kienu jintqalu Missierna, Sliema

u Glorja f'ġieħ Sant'Andrija u San Feliċissimu, biex jitolbu 'l Alla għalina u minn kull saram iħarsuna.

Il-popolarità u d-devozzjoni lejn dan il-qaddis komplew kibru meta s-Sur Ġużeppi Azzopardi kien bena dar fi Triq Santa Marija. Kellu ġuvni jismu Feliċ li mietlu ta' sbatax-il sena nhar il-Ħadd 14 ta' Jannar 1900. Meta miet, libbsuh ta' qassis, u biex jieħdulu ritratt, qegħduh wieqaf bin-nies iżommuh minn wara ħdejn altar li missieru kellu fid-dar l-oħra li kellu fi Triq San Ġorġ.

Billi dan iż-żagħżugħ kien jismu Feliċ, missieru, Ġużeppi għamel niċċa bl-istatwa ta' San Feliċissimu mal-faċċata tad-dar il-ġdida tiegħu fi Triq Santa Marija. L-istatwa nħadmet mill-iskultur Busuttil.

L-istatwa tirrappreżenta lil San Feliċissimu liebes ta' suldat Ruman bil-porpra fuq spallejh. Jidher iħares 'il fuq lejn is-sema, waqt li jżomm f'idu l-leminija l-palma tal-martirju u jserraħ idu x-xellugija fuq sidru.

Nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru 1928 il-poplu ta' Ħal Luqa, waqt li kienu qegħdin jitbierku l-qniepen grandjużi tal-knisja parrokkjali reġa' fakkar lil San Feliċissimu billi għalih iddedika l-qanpiena ż-żgħira.

Tgħid xi darba għad nerġgħu naraw lil San Feliċissmu qawwi u sħiħ isebbaħ x'imkien fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa?

**REFERENZI:**

1 *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha* ta' Dun Ġużepp Micallef p.p. 242- 243
2. *Leħen il-Parroċċa – Luqa* fl-edizzjoni ta' Mejju 1978 p.3 u Ġunju - Lulju 1978 p.17
3. Achilles Ferris, *Descrizione Storica della Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, p.505
4. Pietro Paolo Castagna, *Li Storia ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha*, Malta 1888
5. Giovanni Fauré, *Li Storia ta' Malta u Għawdex bil-gżejjer tagħhom*, u l-ġrajjiet li saru fihom, Malta 1913-1916
6. Eugene F. Montanaro *Pietro Paolo Azzopardi: A Forgotten Sculptor*, in Mario Buhagiar (ed.). Proceedings of History Week 1981, Malta 1982 p.p. 61-76
7. Ibid., p.68
8. Ibid., p.63
9. Eugene F. Montanaro, *Pietro Paolo Azzopardi u l-Istatwa ta' San Ġorġ*, fil-Programm Festi San Ġorġ Għawdex, Lulju 1983
10. *The Sunday Times* November 25, 2001 p.p. 48-49 *A 'new' work by Pietro Paolo Azzopardi* by Mr. Mark Sagona B.A. (Hons.)

*Il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni jirringrazzja lis-Sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà, lil dawk kollha li ġabru r-reklami, kontributuri ta' l-artikli, lid-ditti u kumpaniji li rreklamaw u lilkom li tapprezzaw dan ix-xogħol ta' informazzjoni u bijografija storika professjonali, filwaqt li jawgura l-festa t-tajba lill-poplu kollu ta' Ħal Luqa.*